REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1070

tat-28 ta' Ġunju 2021

li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għal perjodu limitat ta' żmien relatati ma' infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 71(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, ikkawżata mill-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda (LSDV), hija marda li tinġarr minn vettur tal-bhejjem tal-ifrat u tal-buflu tal-ilma Asjatiku li tista' tikkawża telf ekonomiku sostanzjali, tnaqqas ir-rendiment tal-ħalib, tikkawża għelubija serja, ħsara permanenti lill-ġlud, diversi kumplikazzjonijiet sekondarji, debbulizza kronika, u ġġarrab projbizzjonijiet fuq il-moviment jew il-kummerċ. Din tinsab fil-lista ta' mard notifikabbli tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard. L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429, u għaldaqstant hija marda elenkata għall-finijiet ta' dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, l-infezzjoni bl-LSDV hija elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]) bħala marda tal-kategoriji A, D u E.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([4]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard tal-kategoriji A, B u C stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, inklużi l-miżuri ta' kontroll tal-mard kontra l-infezzjoni bl-LSDV. Ir-Regolament (UE) 2016/429, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 ilkoll bdew japplikaw mill-21 ta' April 2021.

(4) Preċedentement, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2008 ([5]) stabbiliet regoli dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali b'rabta mal-infezzjoni bl-LSDV fl-Istati Membri jew f'partijiet minnhom kif elenkati fl-Anness I tagħha, inkluż ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV ippreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Il-Bulgarija u l-Greċja huma kkonċernati minn tali elenkar. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2008 ma baqgħetx tapplika fl-20 ta' April 2021, u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jissostitwixxu dawk stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) OIE – Mard elenkat, infezzjonijiet u infestazzjonijiet fis-seħħ fl-2021. OIE - Terrestrial Animal Health Code, Twenty-eighth edition, 2019, ISBN 978-92-95108-85-1 (https://www.oie.int/en/animal-health-in-the-world/oie-listed-diseases-2021/).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2008 tal-15 ta' Novembru 2016 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-marda tal-infafet fil-ġilda f'ċerti Stati Membri (ĠU L 310, 17.11.2016, p. 51).

(5) Mill-2017, ma ġiet irrapportata l-ebda tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV fl-Ewropa, iżda dik il-marda għadha preżenti f'Anatolja, fit-Turkija, u fir-Russja, kif ukoll fl-Asja tal-Lvant u taffettwa lill-Bangladesh, liċ-Ċina u lill-Indja. Għalhekk, it-tixrid ta' dik il-marda jirrappreżenta riskju potenzjali għas-settur agrikolu fl-Unjoni.

(6) Minbarra l-Bulgarija u l-Greċja, il-Kroazja u għadd konsiderevoli ta' pajjiżi terzi ġirien, bħall-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo ([6]), il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u t-Turkija nnotifikaw lill-Kummissjoni li t-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV ġie inkluż fil-politika tagħhom dwar il-kontroll tal-mard. Il-biċċa l-kbira ta' dawk il-pajjiżi terzi issa waqqfu t-tilqim u qed iżommu miżuri ta' sorveljanza.

(7) Is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Ewropa tal-Lvant u fir-reġjuni ġirien tissuġġerixxi li xorta jista' jeżisti ċertu riskju ta' introduzzjoni mill-ġdid jew ta' tfaċċar mill-ġdid tal-marda, f'żoni ta' riskju għoli fejn it-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV ikun waqaf.

(8) Abbażi tal-informazzjoni epidemjoloġika disponibbli sal-lum, ir-riżultati tas-sorveljanza għall-infezzjoni bl-LSDV u t-tilqim kontra dik il-marda, huwa xieraq li t-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV jenħtieġ li tal-anqas ikompli fiż-żoni ta' riskju għoli tal-Bulgarija u tal-Greċja. Barra minn hekk, fl-Istati Membri kollha jew f'partijiet minnhom fejn it-tilqim kontra dik il-marda jkun tnaqqas jew twaqqaf kompletament, jenħtieġ li titkompla s-sorveljanza sistematika, kemm attiva kif ukoll passiva.

(9) Skont ir-rapport xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar l-infezzjoni bl-LSDV, approvat fit-30 ta' Jannar 2020 ([7]) (ir-Rapport tal-EFSA), jenħtieġ li jintuża vaċċin omologu biex jitnaqqas ir-riskju ta' tixrid ulterjuri tal-infezzjoni bl-LSDV lejn l-Ewropa tax-Xlokk. Wara li t-tilqim ikun waqaf, fil-każ li dik il-marda tfeġġ mill-ġdid, ikun meħtieġ pjan ta' kontinġenza u ta' kumulazzjoni ta' riżerva tal-vaċċini, saħansitra fuq bażi reġjonali, sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għat-tilqim ta' emerġenza.

(10) Il-miżuri ġenerali ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, u r-regoli supplimentari stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, ma jkoprux l-aspetti kollha meħtieġa tat-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli ta' implimentazzjoni uniformi fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament biex ikopru miżuri ta' kontroll speċjali tal-mard għal perjodu ta' żmien limitat, f'kundizzjonijiet xierqa għas-sitwazzjoni epidemjoloġika ta' dik il-marda fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi ġirien. Jenħtieġ li l-miżuri ta' kontroll stabbiliti f'dan ir-Regolament jqisu l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2008, kif ukoll fl-istandards internazzjonali stabbiliti fil-Kapitolu 11.9 "Infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda" tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE (Kodiċi OIE) ([8]).

(11) Jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jipprevedu approċċ ta' reġjonalizzazzjoni, u japplikaw flimkien mal-miżuri ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jelenka ż-żoni ristretti tal-Istati Membri li jwettqu pjanijiet ta' tilqim preventiv b'vaċċini ħajjin attenwati fejn ma hemmx tifqigħat tal-infezzjoni bl-LSDV (żona ristretta I); u żoni b'tifqigħat tal-infezzjoni bl-LSDV (żona ristretta II). Jenħtieġ li ż-żoni inklużi fiż-żona ristretta I jew fiż-żona ristretta II jiġu elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri affettwati minn dik il-marda.

(12) L-annimali bovini mlaqqmin u l-prodotti minn dawk l-annimali bovini jistgħu jirrappreżentaw riskju għat-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi ċerti projbizzjonijiet u kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini jew ta' tipi differenti ta' prodotti miż-żoni ristretti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn għall-kummerċ, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti derogi minn dawk il-projbizzjonijiet u kundizzjonijiet speċifiċi. Jenħtieġ li dawk id-derogi u l-kundizzjonijiet speċifiċi jqisu l-prinċipji tal-Kodiċi tal-OIE fir-rigward tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju kontra l-infezzjoni bl-LSDV, kif ukoll ir-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429 u fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

([6]) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([7]) *EFSA Journal* 2020; 18(2):6010.

([8]) OIE — Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri (2019). OIE — Terrestrial Animal Health Code, Twenty-eighth edition, 2019, ISBN 978-92-95108-85-1 (www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/).

(13) F'termini tar-riskju tat-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV, komoditajiet differenti joħolqu livelli differenti ta' riskju. Kif indikat fir-Rapport tal-EFSA, il-moviment ta' annimali bovini ħajjin, ta' semen tal-bovini u tal-ġlud mhux ikkunzat minn annimali bovini infettati huwa ta' riskju ogħla f'termini ta' esponiment u ta' konsegwenzi minn prodotti oħra bħall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-ġlud ittrattati jew il-laħam frisk, il-preparati tal-laħam u l-prodotti tal-laħam li joriġinaw minn annimali bovini. Madankollu, l-evidenza xjentifika jew sperimentali dwar ir-rwol tagħhom fit-trażmissjoni tal-virus tal-infafet fil-ġilda għadha ma hijiex biżżejjed. It-trażmissjoni tal-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda permezz tas-semen, tal-ova u tal-embrijuni tal-annimali tal-ispeċi bovina ma tistax tiġi eskluża. Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, kif ukoll il-kolostru, jistgħu jirrappreżentaw riskju għat-tixrid tal-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda biss meta jkunu maħsuba għall-għalf lil annimali tal-ispeċijiet suxxettibbli.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu previsti ċerti miżuri protettivi għal dawk il-komoditajiet abbażi tar-Rapport tal-EFSA u l-aktar standards u rakkomandazzjonijiet aġġornati rilevanti mill-OIE.

(15) Il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali miżmuma għal qatla immedjata joħolqu riskju aktar baxx għat-tixrid ta' mard tal-annimali minn tipi oħra ta' movimenti ta' annimali sakemm ikun hemm fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew, b'mod eċċezzjonali, jagħtu derogi minn ċerti projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għal movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini, miż-żoni ristretti I u II, għal qtil immedjat f'biċċerija li tkun tinsab barra miż-żoni ristretti I u II fl-istess Stat Membru.

(16) Id-derogi għall-movimenti ta' kunsinni ta' ċerti annimali bovini minn żona ristretti I jew II għal żona ristretti I jew II oħra ta' Stat Membru ieħor bi status ta' mard simili huma ġġustifikati fejn jiġu applikati miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju. Dan jirrikjedi l-istabbiliment ta' proċedura ta' twassil sikur taħt il-kontroll strett tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-passaġġ u tad-destinazzjoni.

(17) L-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għandhom jakkumpanjaw il-movimenti tal-annimali, inklużi tal-annimali bovini. Meta jiġu applikati derogi mill-projbizzjoni fuq il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II għal kunsinni ta' annimali bovini maħsuba għal movimenti intra-Unjoni, dawk iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jenħtieġ li jinkludu referenza għal dan ir-Regolament, biex jiġi żgurat li f'dawk iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali tingħata informazzjoni adegwata u preċiża dwar is-saħħa.

(18) Fejn dan ir-Regolament jipprevedi derogi minn projbizzjonijiet fuq il-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miż-żoni ristretti I u II, jenħtieġ li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jakkumpanjawhom jinkludu referenza għal dan ir-Regolament, sabiex jiġi żgurat li tingħata informazzjoni adegwata u akkurata dwar is-saħħa f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 ([9]).

(19) Jenħtieġ li t-trasport tal-annimali bovini u tal-prodotti sekondarji tal-annimali minn dawk l-annimali miż-żoni ristretti I u II jitwettaq skont miżuri ta' trattament xieraq tal-annimali u ta' bijosigurtà biex jiġi evitat it-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV.

(20) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 japplika mill-21 ta' April 2021. Għaldaqstant, fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(21) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal perjodu sal-21 ta' April 2023, filwaqt li titqies l-esperjenza tal-Unjoni fil-kontroll tal-infezzjoni bl-LSDV, is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali ta' dik il-marda fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi ġirien u kwalunkwe regola futura dwar it-tilqim stabbilita skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2016/429.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali tal-mard kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda (LSDV) li għandhom jiġu applikati għal perjodu ta' żmien limitat mill-Istati Membri f'żoni tat-territorju tagħhom fejn:

(a) tkun ġiet ikkonfermata tifqigħa ta' dik il-marda;

(b) ma tkunx ġiet ikkonfermata tifqigħa ta' dik il-marda, iżda huma jiddeċiedu li jwettqu tilqim kontra dik il-marda f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-miżuri ta' kontroll speċjali tal-mard stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw għall-annimali bovini u għall-prodotti sekondarji u għall-prodotti ġerminali miksuba minn tali annimali bovini, u japplikaw flimkien mal-miżuri ta' kontroll tal-mard applikabbli għall-protezzjoni, għas-sorveljanza u għal żoni ristretti oħra stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wara tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Barra minn hekk, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

1. "annimal bovin" tfisser annimal tal-ispeċi tal-ungulati li jappartjeni għall-ġeneri Bison, Bos (inkluż is-subġeneri Bos, Bibos, Novibos, Poephagus) u Bubalus (inkluż is-subġeneru Anoa) u l-frieħ tal-inkroċjar tar-razez ta' dawn l-ispeċijiet;

2. "żona ristretta I" tfisser parti mit-territorju ta' Stat Membru b'delimitazzjoni ġeografika preċiża:

   (a) li tkun tinsab barra minn żona fejn tkun ġiet ikkonfermata tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV;

   (b) fejn isir tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV f'konformità mal-Artikolu 3(2);

   (c) elenkata jew le fil-Parti I tal-Anness I;

   (d) soġġetta għal regoli ta' kontroll speċjali tal-mard previsti fl-Artikoli 3 sa 6.

3. "żona ristretta II" tfisser parti mit-territorju ta' Stat Membru b'delimitazzjoni ġeografika preċiża:

   (a) li tinkludi żona fejn tkun ġiet ikkonfermata tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV;

   (b) fejn isir tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV f'konformità mal-Artikolu 3(1);

   (c) elenkata jew le fil-Parti II tal-Anness I;

   (d) soġġetta għal regoli ta' kontroll speċjali tal-mard previsti fl-Artikoli 3 sa 6.

KAPITOLU II

MIŻURI TA' KONTROLL SPEĊJALI TAL-MARD KONTRA L-INFEZZJONI BL-LSDV

TAQSIMA 1

Stabbiliment ta' żoni ristretti u tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV

Artikolu 3

Stabbiliment taż-żoni ristretti I u II

1. Fil-każ ta' konferma ta' tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV f'annimali bovini, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tistabbilixxi żona ristretta II:

(i) li mill-inqas tkun tkopri ż-żoni inklużi fiż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u ta' żoni ristretti oħra stabbiliti wara l-konferma ta' dik il-marda f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(ii) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(b) timplimenta tilqim kontra dik il-marda fiż-żona ristretta II imsemmija fil-punt (a) kif ġej:

(i) f'konformità mar-regoli għall-pjanijiet ta' tilqim stabbiliti fl-Anness II;

(ii) taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti;

(iii) tagħti prijorità lill-użu ta' vaċċini omologi ħajjin attenwati;

(iv) tlaqqam l-annimali bovini kollha u l-frieħ tagħhom miżmuma fiż-żona fejn isir it-tilqim, ikun xi jkun is-sess, l-età u l-istatus produttiv jew ta' ġestazzjoni tagħhom f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Madankollu, fejn tkun ġiet ikkonfermata tifqigħa waħda biss tal-infezzjoni bl-LSDV f'annimali bovini miżmuma f'żona ta' Stat Membru fejn dik il-marda ma kinitx preżenti qabel dik it-tifqigħa, u fejn il-miżuri mwettqa f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 juru li huma effettivi fil-kontroll tat-tixrid tal-marda, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tistabbilixxix żona ristretta II.

2. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi żona ristretta I f'żoni fejn il-preżenza ta' tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV ma tkunx ġiet ikkonfermata sabiex jiġi evitat it-tixrid tagħha, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429. F'dik iż-żona ristretta I, l-awtorità kompetenti għandha twettaq tilqim kontra dik il-marda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri li japplikaw it-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II, il-Parti III ta' dan ir-Regolament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra qabel ma jibdew it-tilqim u l-pjan ta' tilqim imsemmi fil-paragrafu 1(b), il-punt (i).

Artikolu 4

Projbizzjonijiet ta' movimenti fiż-żoni ristretti I u II

1. L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-movimenti tal-kunsinni li ġejjin fiż-żoni ristretti II:

(a) annimali bovini;

(b) prodotti ġerminali minn annimali bovini;

(c) prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali minn annimali bovini inkluż il-ħalib, il-kolostru, il-prodotti tal-ħalib u l-prodotti bbażati fuq il-kolostru maħsuba għall-għalf tal-annimali.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi l-movimenti tal-kunsinni li ġejjin fiż-żoni ristretti I:

(a) annimali bovini;

(b) prodotti ġerminali minn annimali bovini;

(c) prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali minn annimali bovini għajr il-ħalib, il-kolostru, il-prodotti tal-ħalib u l-prodotti bbażati fuq il-kolostru maħsuba għall-għalf tal-annimali.

3. B'derogi mill-projbizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-movimenti previsti fil-Kapitolu III f'konformità mal-kundizzjonijiet previsti fih.

TAQSIMA 2

Inklużjoni ta' żoni ristretti I u II fl-Anness I

Artikolu 5

Inklużjoni taż-żona ristretta II fl-Anness I, Parti II

Meta, għal raġunijiet epidemjoloġiċi, żona ta' Stat Membru koperta totalment jew parzjalment minn żona ristretta II stabbilita f'konformità mal-Artikolu 3(1) tkun inkluża fil-Parti II tal-Anness I, l-awtorità kompetenti għandha minnufih:

(a) tadatta l-konfini taż-żona ristretta II inizjali biex tiżgura li tikkorrispondi għaż-żona ristretta II deskritta f'dak l-Anness;

(b) testendi t-tilqim previst fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), u l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1) għaż-żona ristretta II deskritta f'dak l-Anness.

Artikolu 6

Inklużjoni taż-żona ristretta I fl-Anness I, il-Parti I

1. Meta, għal raġunijiet epidemjoloġiċi, żona ta' Stat Membru fejn ma tkunx ġiet ikkonfermata tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV tkun inkluża fil-Parti I tal-Anness I ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) twettaq tilqim f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (b), fiż-żona ristretta I deskritta f'dak l-Anness;

(b) timplimenta l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) fiż-żona ristretta I deskritta f'dak l-Anness.

2. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tistabbilixxi żona ristretta I f'konformità mal-Artikolu 3(2), dik iż-żona ristretta għandha tiġi inkluża fil-Parti I tal-Anness I.

KAPITOLU III

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-MOVIMENTI FI ĦDAN U MINN ŻONI FEJN JIĠU APPLIKATI MIŻURI TA' KONTROLL SPEĊJALI TAL-MARD KONTRA L-INFEZZJONI BIL-VIRUS TAL-MARDA TAL-INFAFET FIL-ĠILDA

TAQSIMA 1

Derogi mill-projbizzjonijiet fuq il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II

Artikolu 7

Derogi mill-projbizzjoni fuq il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żona ristretta I

B'derogI mill-projbizzjoni prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ristretta I:

(a) għal żoni ristretti I jew II tal-istess Stat Membru jew ta' Stat Membru ieħor dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-annimali bovini fil-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data;

(ii) l-annimali bovini l-oħra kollha miżmuma fl-istess stabbiliment tal-oriġini bħall-annimali bovini fil-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew jibqgħu fil-perjodu ta' immunità indott minn tilqim preċedenti jew minn immunità materna fid-data tad-dispaċċ;

(iii) l-annimali bovini fil-kunsinna jridu jkunu nżammu fl-istabbiliment tal-oriġini tagħhom mit-twelid jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ; u

(iv) l-awtorità kompetenti għandha twettaq:

— eżami kliniku, b'riżultati favorevoli, tal-annimali bovini kollha miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn, inklużi l-annimali bovini f'kunsinni bħal dawn;

— jekk ikun meħtieġ, eżami fil-laboratorju, b'riżultati favorevoli, ta' annimali bovini miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn, inklużi l-annimali bovini f'kunsinni bħal dawn;

(b) kwalunkwe destinazzjoni — inklużi żoni barra miż-żoni ristretti, żoni ristretti I oħra jew żoni ristretti II — fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri oħra, jekk, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(ii), (iii) u (iv) ta' dan l-Artikolu, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-annimali bovini fil-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin fid-data tad-dispaċċ;

(ii) f'raġġ ta' mill-inqas 20 km madwar l-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn, ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV matul perjodu ta' mill-inqas tliet xhur qabel id-data tad-dispaċċ; u

(iii) l-annimali bovini kollha miżmuma fil-50 kilometru madwar l-istabbiliment tal-oriġini tal-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu jew tlaqqmu mill-ġdid kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew fi ħdan l-immunità materna tagħhom;

(c) kwalunkwe destinazzjoni — inklużi żoni barra miż-żoni ristretti, żoni ristretti I oħra, żoni ristretti II — fi Stati Membri oħra jew f'territorji f'pajjiżi terzi, jekk, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-annimali jridu jikkonformaw ma' kwalunkwe garanzija tas-saħħa tal-annimali, abbażi tal-eżitu favorevoli ta' valutazzjoni tar-riskju ta' miżuri kontra t-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini u approvata mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni u tal-passaġġ, qabel id-data tad-dispaċċ;

(ii) ma jrid ikun hemm l-ebda tifqigħa kkonfermata tal-infezzjoni bl-LSDV f'raġġ ta' mill-inqas 20 km madwar l-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur qabel id-data tad-dispaċċ; u

(iii) l-annimali bovini kollha miżmuma fil-50 kilometru madwar l-istabbiliment tal-oriġini tal-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu jew tlaqqmu mill-ġdid kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew fi ħdan l-immunità materna tagħhom.

Artikolu 8

Derogi mill-projbizzjonijiet tal-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żona ristretta II

B'derogi mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ristretta II għal:

(a) kwalunkwe destinazzjoni, inklużi żoni barra miż-żoni ristretti, żoni ristretti I, żoni ristretti II oħra fl-istess Stat Membru u fi Stati Membri oħra, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-annimali bovini fil-kunsinna jridu jikkonformaw ma' kwalunkwe garanzija tas-saħħa tal-annimali, abbażi tal-eżitu favorevoli ta' valutazzjoni tar-riskju ta' miżuri kontra t-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini u maqbula mal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni jew tal-passaġġ, qabel id-data tad-dispaċċ;

(ii) l-annimali bovini fil-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data;

(iii) l-annimali bovini l-oħra kollha miżmuma fl-istess stabbiliment tal-oriġini bħall-annimali bovini fil-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew iridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità indott minn tilqim preċedenti jew minn immunità materna f'dik id-data;

(iv) l-awtorità kompetenti għandha twettaq:

— eżami kliniku, b'riżultati favorevoli, tal-annimali bovini kollha miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn, inklużi l-annimali bovini f'kunsinni bħal dawn;

— jekk ikun meħtieġ, eżami fil-laboratorju, b'riżultati favorevoli, ta' annimali bovini miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn, inklużi l-annimali bovini f'kunsinni bħal dawn;

(v) l-annimali bovini jridu jkunu ilhom residenti mit-twelid, jew għal perjodu ta' mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ, fi stabbiliment fejn, f'raġġ ta' mill-inqas 20 km, ma tkun ġiet ikkonfermata l-ebda tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV matul it-tliet xhur qabel id-data tad-dispaċċ;

(vi) l-annimali bovini kollha fil-50 kilometru madwar l-istabbiliment tal-oriġini tal-kunsinna jridu jkunu tlaqqmu jew tlaqqmu mill-ġdid kontra l-infezzjoni bl-LSDV, f'konformità mar-regoli għall-pjanijiet ta' tilqim stabbiliti fl-Anness II, mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-vaċċin mill-manifattur jew fi ħdan l-immunità materna tagħhom;

(b) kwalunkwe destinazzjoni li tinsab f'żona ristretta II oħra tal-istess Stat Membru, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-annimali bovini l-oħra kollha miżmuma fl-istabbiliment tal-oriġini ta' kunsinni bħal dawn iridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew iridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità indott minn tilqim preċedenti jew minn immunità materna f'dik id-data; u

(ii) l-annimali bovini jridu jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bl-LSDV mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jridu jibqgħu fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew ikunu frieħ mhux imlaqqmin ta' inqas minn erba' xhur, imwielda minn ommijiet imlaqqma, mill-inqas 28 jum qabel it-twelid, li baqgħu fil-perjodu ta' immunità skont il-manifattur tal-vaċċin fid-data tat-twelid, u jistgħu jiġu mċaqalqa lejn stabbiliment ieħor.

Artikolu 9

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II lejn biċċerija barra minn dawk iż-żoni, li tkun tinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru għall-fini ta' tbiċċir immedjat

B'derogi mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), u fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II lejn biċċerija barra minn dawk iż-żoni, li tkun tinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru, dment li l-annimali bovini jiġu mċaqalqa għall-fini ta' tbiċċir immedjat f'konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (5) u fl-Artikolu 28(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Artikolu 10

Derogi mill-projbizzjoni fuq il-movimenti ta' kunsinni ta' semen, ta' ova u ta' embrijuni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II

1. B'derogi mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 4(2), il-punt (b), l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza l-movimenti ta' kunsinni ta' semen, ta' ova u ta' embrijuni ta' annimali bovini, minn stabbilimenti approvati ta' prodotti ġerminali jew stabbilimenti oħra li jinsabu fiż-żona ristretta I lejn:

(a) iż-żoni ristretti I jew II tal-istess Stat Membru dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-annimali donaturi kienu jew:

— tlaqqmu u tlaqqmu mill-ġdid kontra l-infezzjoni bl-LSDV skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur tat-tilqima li ntużat, u l-ewwel tilqima trid tkun ingħatat mill-inqas 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, tal-ova jew tal-embrijuni; jew

— soġġetti għal test seroloġiku biex jiġu identifikati antikorpi speċifiċi kontra l-LSDV fil-jum tal-ġbir u mill-inqas 28 jum wara l-perjodu tal-ġbir fir-rigward tas-semen jew fil-jum tal-ġbir fir-rigward tal-embrijuni u tal-ova, b'riżultati negattivi;

(ii) l-annimali donaturi nżammu, matul is-60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen, tal-ova jew tal-embrijuni, f'ċentru ta' inseminazzjoni artifiċjali jew fi stabbiliment xieraq ieħor fejn, f'raġġ ta' mill-inqas 20 km, ma tkun ġiet ikkonfermata l-ebda tifqigħa tal-infezzjoni bl-LSDV matul it-tliet xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen, tal-ova jew tal-embrijuni;

(iii) l-annimali donaturi ġew klinikament iċċekkjati 28 jum qabel id-data tal-ġbir, kif ukoll tul il-perjodu tal-ġbir kollu, u ma wrew l-ebda sintomu kliniku tal-infezzjoni bl-LSDV;

(b) kwalunkwe destinazzjoni li tinsab f'żona ristretta I jew II oħra ta' Stat Membru ieħor, dment li, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a), jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-annimali donaturi kienu soġġetti għall-identifikazzjoni tal-LSDV b'reazzjoni katina bil-polimeraża (PCR) imwettqa fuq kampjuni tad-demm miġbura fil-bidu tal-ġbir tas-semen, tal-ova jew tal-embrijun u mill-inqas kull 14-il jum wara dan, matul il-perjodu tal-ġbir tas-semen jew fil-jum tal-ġbir tal-embrijuni u tal-ova, b'riżultati negattivi;

(ii) is-semen kien soġġett għal detezzjoni tal-LSDV permezz ta' PCR b'riżultati negattivi;

(c) kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fl-istess Stat Membru jew fi Stat Membru ieħor jew f'każ taż-żona ristretta I, f'pajjiż terz dment li, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a), l-annimali donaturi jikkonformaw ma' kwalunkwe garanzija xierqa oħra tas-saħħa tal-annimali, abbażi ta' eżitu pożittiv ta' valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta' tali dispaċċ u tal-miżuri kontra t-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV, meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-oriġini u approvata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-postijiet tal-passaġġ u tad-destinazzjoni, qabel ma jintbagħtu dawn is-semen, l-ova jew l-embrijuni.

2. B'derogi mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' semen, ta' ova u ta' embrijuni ta' annimali bovini, minn stabbilimenti approvati ta' prodotti ġerminali jew minn stabbilimenti oħra li jinsabu fiż-żona ristretta II lejn kwalunkwe destinazzjoni li tinsab f'żona ristretta II oħra tal-istess Stat Membru.

Artikolu 11

Derogi mill-projbizzjoni fuq il-movimenti ta' prodotti sekondarji ta' annimali mhux ipproċessati minn annimali bovini miż-żoni ristretti I

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 4(2), il-punt (c), l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali mhux ipproċessati minn annimali bovini minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ristretta I lejn:

(a) kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fl-istess Stat Membru jew lejn kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fiż-żoni ristretti I jew II fi Stat Membru ieħor;

(b) fil-każ ta' kunsinni ta' ġlud, kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fi kwalunkwe żona tal-istess Stat Membru jew ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz dment li tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-ġlud ittrattati jkunu ġew soġġetti għal wieħed mit-trattamenti msemmija fil-punt 28(b) sa (e) tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([10]); jew

(ii) il-ġlud ittrattati jkunu ġew soġġetti għal wieħed mit-trattamenti stabbiliti fit-Taqsima XIV, il-Kapitolu I, il-punt (4)(b) (ii) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u jkunu għaddew mill-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni mill-ġdid b'aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([11]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

Artikolu 12

Deroga mill-projbizzjoni fuq il-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali mhux ipproċessati minn annimali bovini miż-żoni ristretti II

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali minn annimali bovini minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ristretta II lejn:

(a) fil-każ ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali għajr il-ġlud, kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fl-istess Stat Membru jew kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fiż-żoni ristretti I jew II ta' Stat Membru ieħor dment li l-prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali jintbagħtu taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti għall-ipproċessar jew għar-rimi f'impjant approvat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]);

(b) fil-każ ta' ġlud ta' annimali bovini:

(i) kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fiż-żona ristretta II tal-istess Stat Membru jew ta' Stat Membru ieħor dment li jkunu ġlud mhux maħduma u mhux ittrattati maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew ġlud mhux ittrattati mibgħuta taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti għall-ipproċessar jew għar-rimi f'impjant approvat;

(ii) kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fl-istess Stat Membru jew ta' Stat Membru ieħor dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11, il-punt (b);

(c) fil-każ tal-kolostru, tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, kwalunkwe destinazzjoni li tinsab fi kwalunkwe żona tal-istess Stat Membru jew ta' Stat Membru ieħor dment li jkunu ġew soġġetti għal trattament ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-infezzjoni bl-LSDV, kif stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

TAQSIMA 2

Obbligi fuq l-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali

Artikolu 13

Obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss kunsinni ta' annimali bovini miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni fi ħdan l-istess Stat Membru jew lejn Stat Membru ieħor fil-każijiet koperti mill-Artikoli 7, 8 u 9 ta' dan ir-Regolament jekk l-annimali li għandhom jiġu mċaqalqa jkunu akkumpanjati biċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 73 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 ([13]) li jkun fih mill-inqas waħda mill-attestazzjonijiet ta' konformità li ġejjin mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

(a) "Annimali bovini miż-żona ristretta f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali kontra l-infezzjoni bl-LSDV stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1070.";

(b) "Annimali bovini miż-żona ristretta II f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali kontra l-infezzjoni bl-LSDV stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1070.";

(c) "Annimali bovini minn żona ristretta I jew II f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali kontra l-infezzjoni bl-LSDV stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1070.";

([12]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

([13]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140).

Madankollu, fil-każ ta' movimenti ta' kunsinni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux għalfejn jinħareġ kif imsemmi fl-Artikolu 143(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 14

Obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali bovini minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali bovini miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru jew lejn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 161(4) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih mill-inqas waħda mill-attestazzjonijiet ta' konformità li ġejjin mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

(a) "Prodotti ġerminali ..... (semen, ova u/jew embrijuni, indika kif xieraq) miksuba minn annimali bovini fiż-żona ristretta I f'konformità ma' miżuri speċjali ta' kontroll kontra l-infezzjoni bl-LSDV kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1070.";

(b) "Prodotti ġerminali ..... (semen, ova u/jew embrijuni, indika kif xieraq) miksuba minn annimali bovini miżmuma fiż-żona ristretta II f'konformità ma' miżuri speċjali ta' kontroll kontra l-infezzjoni bl-LSDV kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1070.".

Madankollu, fil-każ ta' movimenti ta' kunsinni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu fl-istess Stat Membru, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux għalfejn jinħareġ kif imsemmi fl-Artikolu 161(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 15

Obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali minn annimali bovini miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss kunsinni ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali minn annimali bovini miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru jew lejn Stat Membru ieħor fil-każijiet koperti mill-Artikoli 12, jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn:

(a) dokument kummerċjali msemmi fl-Anness VIII, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 142/2011; u

(b) ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

Madankollu, fil-każ ta' movimenti tal-kunsinni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu fl-istess Stat Membru, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux jinħareġ kif imsemmi fl-Artikolu 22(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

TAQSIMA 3

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini miżmuma fiż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni u l-proċeduri ta' indirizzar

Artikolu 16

Kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali relatati mal-mezzi tat-trasport użati għall-moviment ta' kunsinni ta' annimali bovini u prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tawtorizza biss movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini u ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali miż-żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni jekk il-mezzi tat-trasport użati għall-moviment ta' dawk il-kunsinni:

(a) fil-każ tat-trasport ta' annimali bovini, il-mezz tat-trasport:

(i) jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; u

(ii) jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat f'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 taħt il-kontroll jew is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru;

(b) tinkludi biss annimali jew prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali jew ġlud mhux ittrattati tal-istess status tas-saħħa.

Artikolu 17

Obbligi tal-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini li jikkonċernaw proċeduri ta' indirizzar

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-oriġini għandha tistabbilixxi proċedura ta' twassil, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-postijiet tal-oriġini, tal-passaġġ u tad-destinazzjoni għall-movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini jew ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali koperti mid-derogi previsti fl-Artikoli 8, 9 u 12 meta d-destinazzjoni tkun tinsab fi Stat Membru ieħor ("il-proċedura ta' indirizzar").

2. L-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini għandha tiżgura li:

(a) kull mezz ta' trasport, li jintuża għall-moviment tal-kunsinni ta' annimali bovini jew ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali msemmija fil-paragrafu 1, ikun ġie rreġistrat individwalment, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-oriġini għall-fini tat-trasport jew ta' annimali bovini jew ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali permezz tal-proċedura ta' indirizzar, u jkun:

— issiġillat mill-veterinarju uffiċjali wara t-tagħbija għad-dispaċċ. Uffiċjal tal-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni biss jista' jkisser is-siġill u jissostitwih b'wieħed ġdid; kull tagħbija jew sostituzzjoni tas-siġilli trid tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti fil-post tad-destinazzjoni, jew

— tkun individwalment akkumpanjata minn sistema ta' navigazzjoni bis-satellita biex tiddetermina, tittrażmetti u tirreġistra l-post tal-ħin reali tagħha.

(b) it-trasport iseħħ:

(i) taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali;

(ii) direttament, mingħajr waqfien sakemm ma jkunx hemm perjodu ta' mistrieħ meħtieġ mill-Kapitolu V tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([14]) f'post ta' kontroll;

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

Meta jkun previst perjodu ta' mistrieħ ta' jum jew aktar f'post ta' kontroll matul il-moviment tal-kunsinna minn żona ristretta II, l-annimali għandhom ikunu protetti kontra attakki minn vetturi;

(iii) fuq ir-rotta li tkun ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti fil-post tal-oriġini.

3. Għall-finijiet tal-indirizzar, l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-oriġini għandha, qabel l-ewwel dispaċċ ta' kunsinna miż-żoni ristretti I jew II li minnhom isseħħ proċedura ta' indirizzar, jiżguraw li l-arranġamenti meħtieġa jkunu fis-seħħ mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-postijiet tal-passaġġ u tad-destinazzjoni u mal-operaturi sabiex jiżguraw:

(a) li jkun sar ftehim fuq il-pjan ta' emerġenza;

(b) il-linja ta' kmand u l-kooperazzjoni sħiħa tas-servizzi u tal-operaturi fil-każ ta' aċċidenti matul it-trasport, disturb kbir fil-mezzi tat-trasport jew kwalunkwe mġiba frawdolenti;

(c) notifika immedjata mill-operaturi lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe aċċident jew ħsara kbira fil-mezzi tat-trasport.

Artikolu 18

Obbligi tal-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni dwar il-proċeduri ta' indirizzar

L-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, wara proċedura ta' indirizzar, għandha:

(a) tikkonferma kull wasla lill-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini;

(b) tiżgura li l-annimali bovini jibqgħu fl-istabbiliment tad-destinazzjoni għal mill-inqas it-tul tal-perjodu ta' monitoraġġ għall-infezzjoni bl-LSDV stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, ħlief meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun biċċerija;

(c) tiżgura li wara l-ħatt tal-annimali bovini, jew tal-prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali, il-mezz tat-trasport u kwalunkwe tagħmir ieħor li jkun intuża fit-trasport tal-annimali bovini jew tal-prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali jitnaddfu, jiġu diżinfettati u ttrattati b'insettiċidi awtorizzati li jkunu effettivi kontra vetturi magħrufa tal-infezzjoni bl-LSDV fl-intier tagħhom f'żona magħluqa tal-post tad-destinazzjoni taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali.

Artikolu 19

Obbligi tal-Istat Membru tal-post tal-oriġini tal-kunsinni ta' annimali bovini, ta' prodotti ġerminali jew ta' prodotti sekondarji mhux ipproċessati tal-annimali dwar informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għal derogi mogħtija abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju

Meta l-awtorità kompetenti tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali bovini jew ta' prodotti ġerminali abbażi tal-eżitu favorevoli ta' valutazzjoni tar-riskju ta' miżuri kontra t-tixrid tal-infezzjoni bl-LSDV, kif imsemmi fl-Artikoli 7, 8 jew 10, l-Istat Membru tal-post tal-oriġini għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-garanziji tas-saħħa tal-annimali, u dwar l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-post tal-istabbiliment tad-destinazzjoni.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sal-21 ta' April 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

ŻONI RISTRETTI I U II

(kif stipulati fl-Artikolu 3)

PARTI I

Żona ristretta I

1. Il-Bulgarija:

   It-territorju sħiħ tal-Bulgarija

2. Il-Greċja:

   A. Ir-reġjuni li ġejjin fil-Greċja:

      — Ir-reġjun ta' Attica
      — Ir-reġjun tal-Greċja Ċentrali
      — Ir-reġjun tal-Maċedonja Ċentrali
      — Ir-reġjun ta' Kreta
      — Ir-reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u ta' Thrace
      — Ir-reġjun ta' Epirus
      — Ir-reġjun tal-Gżejjer Jonji, għajr l-unità reġjonali ta' Kerkyra
      — Ir-reġjun tal-Eġew tat-Tramuntana, għajr l-unità reġjonali ta' Limnos
      — Ir-reġjun ta' Peloponnese
      — Ir-reġjun tal-Eġew tan-Nofsinhar
      — Ir-reġjun ta' Thessaly
      — Ir-reġjun tal-Greċja tal-Lvant
      — Ir-reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant

   B. L-unitajiet reġjonali fil-Greċja li ġejjin:

      — L-unità reġjonali ta' Limnos
      — L-unità reġjonali ta' Kerkyra

PARTI II

Żona ristretta II

L-ebda

ANNESS II

REGOLI GĦALL-PJANIJIET TAT-TILQIM LI JIKKONĊERNAW L-INFEZZJONI BIL-VIRUS TAL-MARDA TAL-INFAFET FIL-ĠILDA

(kif stipulati fl-Artikolu 3)

PARTI I

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-pjan tat-tilqim kif stipulat fl-Artikolu 3

Meta Stat Membru jwettaq it-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV, tali tilqim għandu jitwettaq f'konformità ma' pjan tat-tilqim li jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-deskrizzjoni u r-riżultati tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkluż is-sitwazzjoni epidemjoloġika u informazzjoni rilevanti oħra użata bħala bażi għall-valutazzjoni;

(b) l-objettivi u l-miri ewlenin bl-istrateġija magħżula tat-tilqim u l-pjan tat-tilqim;

(c) id-deskrizzjoni ġeografika dettaljata taż-żona tat-tilqim fejn jitwettaq it-tilqim u l-post tal-istabbilimenti li jżommu l-annimali bovini li jridu jitlaqqmu, inkluż il-mapep;

(d) l-awtoritajiet responsabbli li jagħtu t-tilqima lill-annimali bovini;

(e) is-sistema ta' superviżjoni tal-amministrazzjoni tat-tilqima;

(f) l-għadd ta' stabbilimenti li għandhom annimali bovini li jinsabu fiż-żona ristretta u l-għadd ta' stabbilimenti li jridu jitlaqqmu, jekk differenti;

(g) l-għadd stmat tal-annimali bovini li jridu jitlaqqmu, il-kategoriji u l-etajiet tagħhom;

(h) id-durata maħsuba tat-tilqim, mill-bidu tat-tilqim sa tmiem is-sorveljanza mwettqa wara t-tilqim;

(i) it-taqsira tal-karatteristiċi tat-tilqim, inkluż isem il-prodott u isem il-manifattur u r-rotot tal-amministrazzjoni;

(j) indika jekk it-tilqima hijiex tintuża f'konformità mal-Artikolu 110(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(k) il-metodi biex tiġi vvalutata l-effettività tat-tilqim;

(l) ir-regoli dwar l-iġjene u l-bijosigurtà li jridu jiġu applikati;

(m) is-sistema taż-żamma tar-rekords dwar it-tilqim;

(n) aspetti oħra ta' rilevanza għas-sitwazzjoni speċifika.

PARTI II

Rekwiżiti minimi għall-pjanijiet tat-tilqim tal-infezzjoni bl-LSDV kif stipulat fl-Artikolu 3

Il-pjanijiet tat-tilqim kontra l-infezzjoni bl-LSDV għandhom ikunu f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi li ġejjin:

(a) it-tilqim tal-annimali bovini kollha indipendentement mis-sess, mill-età, mill-istatus produttiv jew ta' ġestazzjoni fi ħdan iż-żoni ristretti I u II fejn it-tilqim jrid jiġi implimentat;

(b) it-tilqim tal-friegħ tal-annimali bovini mlaqqma li għandhom aktar minn erba' xhur f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tat-tilqima użata;

(c) it-tilqim mill-ġdid tal-annimali bovini kollha f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

(d) id-dħul tad-dettalji mill-awtorità kompetenti għal kull annimal bovin imlaqqam fil-bażi tad-*data* online apposta li hija konnessa mal-bażi tad-*data* ċentrali stabbilita f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 2019/2035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(e) l-istabbiliment ta' żona ta' sorveljanza usa' ta' mill-anqas 20 km madwar iż-żoni ristretti I u II fejn isir it-tilqim, li fiha għandha ssir sorveljanza intensifikata u fejn il-moviment tal-annimali bovini għandu jkun soġġett għal kontrolli mill-awtorità kompetenti;

(f) il-kopertura tat-tilqim ta' mill-inqas 95 % tal-merħliet li jirrappreżentaw mill-inqas 75 % tal-popolazzjoni tal-annimali bovini.

PARTI III

Informazzjoni preliminarja li trid tiġi pprovduta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra qabel ma jibda t-tilqim kif stipulat fl-Artikolu 3, il-punt 3

L-Istati Membri li japplikaw it-tilqim kontra l-marda tal-infafet fil-ġilda għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra qabel jibda t-tilqim:

(a) ġustifikazzjoni qasira biex jinbeda t-tilqim;

(b) l-ispeċijiet tal-annimali bovini li jridu jitlaqqmu;

(c) l-għadd stmat tal-annimali bovini li jridu jitlaqqmu;

(d) id-durata stmata tat-tilqim;

(e) it-tip u l-isem kummerċjali tat-tilqima applikata li jindikaw jekk it-tilqima tridx tintuża f'konformità mal-Artikolu 110(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/6;

(f) deskrizzjoni taż-żona stmata tat-tilqim.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).